



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Frar 2018
(OR. en)

6321/18
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0036 (NLE)

RECH 49
MED 3
AGRI 91
MIGR 20
RELEX 142
MA 2

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Frar 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 74 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 74 final - Annex.

Mehmuż: COM(2018) 74 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.2.2018
COM(2018) 74 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jstabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

ANNESS

Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)

L-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni"),
minn naħa waħda,
u
r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Marokk"),
min-naħa l-oħra,
(minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet")

Billi l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2000, jipprevedi l-kooperazzjoni xjentifika, teknika u teknoloġika;

Billi l-Ftehim dwar koperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Marzu 2015, jistabbilixxi qafas formali għall-kooperazzjoni tal-Partijiet fir-riċerka xjentifika u teknoloġika;

Billi l-proċess li wassal għall-PRIMA beda permezz tal-Konferenza Ewro-Mediterranja dwar ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni li saret f'Barċellona fl-2012, li matulha l-parteċipanti qablu li jniedu sħubija mġedda fir-riċerka u fl-innovazzjoni bbażata fuq il-prinċipji tas-sjieda konġunta, tal-interess reċiproku u tal-benefiċċju kondiviż;

Billi l-Marokk kien qed ikollu rwol attiv f'dan il-proċess u permezz ta' ittra tas-26 ta' Settembru 2014 esprima formalment l-impenn finanzjarju tiegħu b'rabta mal-PRIMA;

Billi, f'Diċembru tal-2014, għadd ta' Stati Membri tal-UE u pajjiżi li mhumiex membri tal-UE, fosthom il-Marokk, ressqu proposta lill-Kummissjoni Ewropea għal "programm konġunt tal-PRIMA";

Billi d-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri tirregola t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE u tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Orizzont 2020 li huma Stati Parteċipanti tal-inizjattiva, b'mod partikolari l-obbligi finanzjarji tagħhom u l-parteċipazzjoni fl-istrutturi regolatorji tal-inizjattiva;

Billi, skont it-termini tad-Deċiżjoni (UE) 2017/1324, il-Marokk isir Stat Parteċipant fil-PRIMA soġġett għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mal-Unjoni li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fil-PRIMA;

Billi l-Marokk esprima x-xewqa tiegħu li jissieħeb fil-PRIMA bħala Stat Parteċipant, fl-istess livell tal-Istati Membri tal-UE u tal-Pajjiżi Assoċjati ma' Orizzont 2020 li jipparteċipaw fil-

PRIMA;

Billi huwa meħtieġ ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-Marokk biex jiġu rregolati d-drittijiet u l-obbligi tal-Marokk bħala Stat Parteċipant fil-PRIMA,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skop

L-iskop ta' dan il-Ftehim huwa li jiġu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).

Artikolu 2

Termini u kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fil-PRIMA

It-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Marokk fil-PRIMA għandhom ikunu dawk stabbiliti fid-Deċizzjoni (UE) 2017/1324 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-parteċipazzjoni tal-Unjoni fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) li jipparteċipaw fiha b'mod konġunt diversi Stati Membri. Il-Partijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti b'dik id-Deċizzjoni u għandhom jieħdu l-miżuri x-xierqa, b'mod partikolari billi jipprovdu l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jiżguraw l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(2) u tal-Artikolu 11(3) u (4) tagħha. L-arranġamenti dettaljati għall-assistenza għandhom jiġu miftiehma bejn il-Partijiet, peress li dawn l-arranġamenti huma essenzjali għall-kooperazzjoni ta' bejniethom skont dan il-Ftehim.

Artikolu 3

Applikazzjoni territorjali

L-applikazzjoni territorjali ta' dan il-Ftehim għandha tkun dik stabbilita fil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra.

Artikolu 4

Iffirmar u applikazzjoni proviżorja

Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u durata

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri tagħhom stess.
2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data li fiha ż-żewġ Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin permezz tal-kanali diplomatiċi li l-proċeduri msemmija fl-ewwel paragrafu ġew konklużi.
3. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm id-Deċiżjoni (UE) 2017/1324 tibqa' fis-seħħ, diment li ma jiġix itterminat minn waħda mill-Partijiet skont l-Artikolu 6.

Artikolu 6

Terminazzjoni

1. Kwalunkwe Parti tista' tittermina dan il-Ftehim fi kwalunkwe waqt b'avviż bil-miktub li jinforma lill-Parti l-oħra bl-intenzjoni li tittermina dan il-Ftehim.

It-terminazzjoni għandha ssir effettiva sitt xhur wara d-data li fiha l-avviż bil-miktub ikun wasal għand id-destinatarju.

2. Il-proġetti u l-attivitajiet li jkunu għaddejjin fil-waqt tat-terminazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jissoktaw sakemm jitlestew skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.
3. Il-Partijiet għandhom isolvu b'konsens komuni kwalunkwe konsegwenza oħra tat-terminazzjoni.

Artikolu 7

Soluzzjoni tat-tilwim

Il-proċedura ta' soluzzjoni tat-tilwim prevista fl-Artikolu 86 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, għandha tapplika għat-tilwimiet kollha marbuta mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal b'kopji duplikati bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen,

bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bl-Għarbi, filwaqt li t-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi.